MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2003

Numru 593/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**Emanuel Bugelli**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Emanuel Bugelli ta' 49 sena, bin Philip u Philippa nee' Cassar imwieled Zebbug fid-12 ta' Dicembru, 1952 u residenti "Heston", Triq Santa Marija, Zabbar, detentur ta' karta ta' identita numru 37253(M) akkuzat talli:

1. Fid-9 ta' Gunju 2002 f'Marsascala, ghamel uzu xjentement, ta' marki, sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija b'din il-marka, sinjal

jew emblema, jew wahhal deskrizzjoni kummercjali falza, jew biegh, zamm jew importa ghal hsieb ta' kummerc, 263 VIDEO TAPE CASSETTES b'marki, sinjali, jew emblemi imxebbha, bi ksur ta' l-artiklu 298(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, bi qligh, jew bi skop ta' kummerc, biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-biegh jew biex jitqassam, xi artikoli jew hwejjeg u cioe 263 VIDEO TAPE CASSETTES, bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur ta' persuna ohra u protetti bil-ligi ta'Malta jew tahtha, bi ksur ta' l-artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi jinsabu sodisfacjentment pruvati kontra l-imputat. Dawn l-istess akkuzi jittrattaw video tapes cassettes li jikkontravjenu l-Artikoli 298(1) u 298(B) tal-Kap 9.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi minnufih ghas-sentenza. Wara li rat l-artikoli 291(1) u 298(B) tal-Kap 9 u kkonsidrat kollox tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti u tikkundannah Lm150 multa.

Fuq talba tal-imputat qeghdha tawtorizza li jhallas l-multa b'rati ta' Lm50 fix-xahar b'pagamenti konsekuttivi u successivi ta' Lm50 kull l-ahhar tax-xahar, l-ewwel pagament li isir fl-ahhar ta' Mejju 2003, u bid-dekadenza taz-zmien fin-nuqqas anke ta' pagament wiehed.

---------------------------------TMIEM---------------------------------